MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 221/2006

Il-Pulizija
(Spt. Sharon Tanti)

Vs
Joseph Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Dicembru, 2005 u f'dawn l-ahhar snin naqas li jaghti l-manteniment dovut lil martu Carmen u lil bintu skond id-digriet nru. 997/1993 datat 25/10/1995.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Gunju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal perjodu ta' detenzjoni ghal zmien xahrejn (2).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Lulju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :- (1) li d-digriet imsemmi ma jezistix ghax jekk hu digriet tal-1993 ma jistax ikun datat 25/10/1995. L-appellant kellu dritt li jitharrek bi precizjoni w mhux “pressapoco”. Jekk tonqos, il-Pulizija, s-sentenza ma tistax tirrepeti l-izball li jkuin hemm fil-komparixxi. Mhux possibbli li tigi korretta s-sentenza; (2) Fattwalment minuri ma hemmx u dan xehditu l-istess Carmen Caruana li llum bintha ghandha 21 sena; (3) li l-mara *ex admissis* hija adultera u d-dritt ghall-mantenmiment jintilef meta mara tkun adultera; (4) dwar il-piena, bla pregudizzju, din kienet gravuza w inghatat fil-massimu taghha w l-adulteru kellu jservi ta’ mitigazzjoni fil-piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda ta’ Carmen Caruana anki fis-seduta tal-lum;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-7 ta’ Dicembru, 2006, li bih l-appellant obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta’ Lm600 b’ rati mensili ta’ LM50, l-ewwel hlas dak in-nhar stess u l-hlasijiet sussegwenti fl-ewwel jum ta’ kull xahar, l-ewwel pagament fl-ewwel ta’ Jannar, 2007.

Rat il-verbal tal-istess data li bih il-kwerelanti ddikjarat li taccetta dan l-arrangament u iddikjarat li kienet qed tircevi prezenzjalment l-ewwel pagament ta’ LM50 fi flus kontanti u li sakemm l-appellant jonora l-obbligi tieghu minnu dak in-nhar assunti, u ma tinsistix li zewgha ghandu jmur il-habs.

Rat illi in vista ta' dan l-arrangament, din il-Qorti dak in-nhar issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza w ddiferiet il-kawza ghal-lum ghall-informazzjoni ulterjuri;

Rat illi fis-seduta tal-lum, il-Qorti giet accertata li l-pagamenti qed isiru regolarment u Dr. Joseph Brincat impenja ruhu personalment li jiggarantixxi l-pagamenti rateali ta' LM50 fix-xahar ghat-tmin xhur li gejjin.

Ikkonsidrat;

**CARMEN CARUANA** xehdet fit-12 t' Ottubru, 2006 li hi u l-appellant mizzewgin imma ilhom separati b' sentenza hdax il-sena. Hi ghandha tifla wahda mill-appellant li llum ghandha 22 sena. L-appellant qatt ma hallas manteniment f' dawn l-ahhar hdax il-sena w hi ghexet bir-*relief* tal-Gvern. Issa tas-Servizzi Socjali qalulha biex tiftahlu kawza. F' Dicembru, 2005, bintha kienet ilha li ghalqet it-18 il-sena. Hi ovvjament mhux qed tippretendi li l-appellant jaghtiha manteniment ghat-tifla. Hi tippretendi biss il-hlas ta' LM50 fix-xahar dovut lilha biss.

In kontro-ezami xehdet li ghandha wild iehor minn haddiehor. Cahdet li kienet tghix ma haddiehor pero'. Qabel Dicembru, 2005, kienet ghamlet tentattiv bl-avukat biex titlob manteniment minnghand l-appellant imma qatt ma sabuh.

Mill-vera kopja fotostatika tas-sentenza tal-25 t' Ottubru, 1995 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Citazzjoni numru 997/93 fl-ismijiet "Carmen Caruana pro. et noe. vs. Joseph Caruana" (esebita quddiem l-Ewwel Qorti a fols. 6 sa 15 tal-process) jirrizulta li l-appellant kien gie kundannat li jhallas lill-martu s-somma ta' hamsin lira Maltin (LM50) fix-xahar bhala manteniment ghaliha personalment u erbghin lira Maltin (LM40) bhala manteniment ghall-minuri Rodianne Caruana.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju, ghalkemm huwa minnu li l-ordni tal-Qorti biex isir il-hlas ta' dan il-

manteniment ma emanatx minn "Digriet", kif indikat fic-citazzjoni imma minn sentenza finali, d-data tas-sentenza fil-komparixxi hija korretta w cioe' "25/10/1995". Hu minnu ukoll li huwa n-numru tac-citazzjoni li hu "997/93" u mhux ta' xi digriet. Ovvjament il-Pulizija li rrediga c-citazzjoni mhux familjari mal-proceduri tal-Qrati Civili w haseb li n-numru tac-citazzjoni hu n-numru tad-Digriet.

B' dana kollu din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-izball ma kienx jirrendi c-citazzjoni monka jew addirittura nulla. Illi kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. (App.Krim. **"Il-Pulizija vs. Martin Brincat"** [30.4.2003]. Issa kif irriteniet din il-Qorti f' kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' mantenimernt fejn giet indikata data zbaljata tal-kuntratt ta' separazzjoni fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Bugeja**" [1.11.2002] (per V. De Gaetano C.J.), u fejn dan l-izball kien gie mressaq bhala aggravju mill-appellant, tali aggravju kien infondat ghaliex kif qalet dik il-Qorti *""Id-data '2002' hi evidentement lapsus calami tal-ufficjal tal-Pulizija li rrediga l-imputazzjoni …Inoltre l-provi kollha mismugha mill-Ewwel Qorti jirriferu ghall-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Mejju, 2000 u kif gja inghid giet esebita anki kopja ta' dan il-kuntratt…..Ghalhekk l-appellant , bhala imputat quddiem l-Ewwel Qorti , kien jaf perfettament tajjeb ghal ksur ta' liema obbligazzjoni kienet qed tirriferi l-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk lanqas kien hemm lok ta' xi korrezzjoni tac-citazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti ."*

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt f'dan il-kaz u ma tarax li hemm xi difett fis-sentenza ghax minnflok ma ssemiet sentenza f' citazzjoni bin-numru 997/1993, saret riferenza ghall-digriet bl-istess numru. Is-sustanza tal-akkuza hi li l-appellant ma hallasx manteniment u l-appellant kellu bizzejjed dettalji biex jifhem ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat. Inoltre s-sentenza kienet esebita fil-process quddiem l-Ewwel Qorti u konsegwentement dan l-izball

ghax flok sentenza saret riferenza ghall-Digriet, m’ghandu b’ebda mod jibbenefika lill-appellant ghaliex hu kien konsapevoli ta’ x’hiex kien qed jigi akkuzat .

Illi dwar l-aggravju tal-appellant li minnkejja li bis-sentenza imsemmija hu kien gie obbligat ihallas manteniment lill-bintu minuri u li issa, ladarba din m’ghadhiex minuri, dak l-obbligu spicca, ghalkemm dis-sottomissjoni hi korretta fattwalment u issa bis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fuq imsemmija anki legalment - u del resto il-parte civile mhux qed tippretendi hlas ghall-minuri - ladarba jirrizulta pero’ bla ebda kontestazzjoni li hu qatt ma hallas mantenimemt lill-martu tul l-ahhar hdax il-sena, xorta wahda tista tinstab htija kontra tieghu ghar-rigward ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment lill-martu skond l-istess citazzjoni, ghax *il piu’ comprende il meno*. L-isforz tardiv tieghu biex jottjeni sentenza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-sens li hu kellu jigi mehlus mill-obbligu tieghu versu martu retroattivament, ma rmexxiex. Di fatti dik il-Qorti, wara li kkummentat avversament fuq il-fatt li l-appellant “*halla snin twal jghaddu minghajr ma ghamel xejn biex ixejjen dan l-istat ta’ fatt u qaghad jistenna li jigi kundannat mill-Qorti Kriminali biex jibda…l-proceduri”,* cahdet it-talba tieghu biex it-temm tal-obbligu tal-hlas tal-alimenti lil martu jkun retroattiv u ordnat li jsehh biss mid-data tas-27 ta’ Novembru, 2006.

Illi anki kieku kellu jirrizulta li mart l-appellant hi adultera, dan ma jeffettwax il-htija ta’ din il-kontravvenzjoni ghax kif gie minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri**” [18.9.2002] fejn ghamlet riferenza ghal-sentenza ohra ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim. **”Il-Pulizija vs. Anthony Saliba”** [15.7.1998] ), *“fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi ……., dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment.* ***Hu biss wara li jottjeni tali modifika****, li*

*jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet*." (emfasi tal-Qorti).

Illi meta kienet qed tittratta aggravju simili fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Publius Said"** [25.9.2003] din il-Qorti kienet iccitat b' approvazzjoni sentenza ohra ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar"** [2.9.1999] li kienet irriteniet testwalment hekk :-

"......Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (Pol. vs. Lawrence Cutajar - 10.3.1995 u Pul. vs. Carmelo Farrrugia 23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-
rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art.
338(z) ………  kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null.

Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-

1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet
bhal ma sar f'dan il-kaz , jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza , kopja legali tas- sentenza relattiva.)
2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih
skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."

Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak
l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret
rikonciljazzjoni . "

Dik il-Qorti kienet ghamlet ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Mario Mallia**" (8.5.1998) fejn ukoll gie ritenut :-

"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-
paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , galadarba l-ordni……………………………
kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul
mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'
dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni
ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-
Kodici Kriminali - ara f'dan is-sens **"Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia"** (App. Krim. 10/3/95 ,
u l-**"Pulizija v. Carmelo Farrugia"**, App. Krim. 23.1.1998. Ghalhekk dan l-aggravju
qed jigi respint."

Umbaghad, kieku stess wara s-sentenza tal-Prim' Awla, l-appellant skopra li martu kienet adultera, dan kien imissu agixxa tempestivament biex, jekk verament kien hemm kambjament fis-sitwazzjoni, jiehu l-passi kollha bis-sollerzja w insistenza dovuta halli jibdel l-obbligu fuqu impost. Meta jirmexxielu jottjeni sentenza f' dan is-sens biss ikun intitolat li jieqaf milli jhallas il-manteniment ordnat. Hu ittanta jaghmel dan b' success parzjali biss fil-mori ta' dan l-appell. B'dana kollu il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ma laqghetx it-talba tieghu biex jigi dikjarat l-obbligu tieghu mitmum retroattivament u dan intemm biss b' effett mis-27 ta' Novembru, 2006. Ghalhekk hu kien u baqa' obbligat jivversa l-manteniment lill-martu ghall-periodu imsemmi fl-akkuza.

F'dan il-kaz jidher li l-appellant - x' aktarx konsapevoli mill-fatt li martu kienet qed tigi provvduta bl-assistenza socjali - ghamel hdax il-sena ma jonorax l-obbligu tieghu impost fuqu bis-sentenza esebita. Din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta

ddecieda li ma jhallas xejn u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu, limitatament pero' ghall-hlas li kien dovut lil martu w mhux ukoll ghall-bintu.

Ghalhekk l-aggravji dwar il-mertu qed jigu respinti.

Illi dwar l-aggravju fuq il-piena, din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.). F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi u ghalkemm inghatat fil-massimu taghha, zgur li ma hix wahda eccezziva meta wiehed jikkonsidra il-fatt li l-appellant ilu hdax il-sena ma jhallasx dak li gie ordnat ihallas mill-Qorti w abbuza mill-fatt li lil martu qed imantniha t-tax payer, komodament ferm ghalih.

Pero', kif fuq intqal, l-appellant ha' l-opportunita' li akkordatlu din il-Qorti fil-mori tal-appell li jissalda l-obbligi tieghu ghall-hlas tal-manteniment dovut lill-martu w b' hekk qed jigi in regola w diga effetwa diversi pagamenti mensili rateali sal-lum. Di fatti hu gja hallas is-somma ta' mitejn lira (Maltin (LM200) mill-ammont komplessiv ta'LM600 arretrati li hu obbliga ruhu li jhallas quddiem din il-Qorti.

Illi kif gie ritenut fl-appell kriminali : **"Il-Pulizija vs. Publius Said"** fuq citat din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati , li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont sostanzjali fuq imsemmi w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp tant

pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ukoll li naqas li jhallas manteniment lil bintu minuri w in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' detenzjoni ghal zmien xaharejn u minnflok tilliberah mill-akkuza li naqas li jhallas manteniment lil bintu w tikkonfermaha in kwantu hu kien gie dikjarat hati li naqas li jhallas manteniment lil martu w tikkundannah hamsa w ghoxrin lira ammenda, li jekk ma jithallsux il-lum stess, jigu konvertiti f' hamest ijiem detenzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------